# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 2**

**Citaz numru 678/82 AJM**

**Francis X. Aquilina**

**vs**

**Carmela sive Lina Aquilina**

Il-Qorti;

**Is-sentenza appellata**

Fis-26 ta' April, 1993 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija kontestwalment ma' kawza ohra fl-ismijiet inversi li ggib in-numru Citaz. 396/82 AJM. Iz-zewg kawzi kellhom l-istess mertu u cioe' revizjoni ta' retta alimentari li kienet deciza b'sentenza tal-

Prim'Awla tal-Qorti Civil li ddeterminat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.

"Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni presentata fil-21 ta' Gunju 1982 li biha l-attur wara li ppremetta illi b'sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Dicembru 1978 fil-kawza fl-ismijiet inversi, giet pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti; illi skond l-istess sentenza l-istanti gie ordnat ihallas lill-konvenut retta alimentarja ta' mitt lira fix-xahar illi l-mezzi tal-attur ma jippermettulux jibqa' jhallas din ir-retta ta' alimenti, filwaqt illi l-konvenuta ghandha dhul izjed minnu sewwa; talab li ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti tirriduci r-retta alimentarja fuq imsemmija f'dak l-ammont li l-istess Qorti joghgobha tistabilixxi b'mod illi tkun aktar gusta fic-cirkostanzi u konfacjenti mal-mezzi kemm tieghu u kemm taghha.

Bl-ispejjez, inti ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-attur.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta presentata fis-16 ta' Lulju 1992 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi l-kawza odjerna saret bit-tpattija ghall-kawza presentata recentement mill-esponenti ghaz-zieda fl-alimenti (Citaz. 396/82); anke ghal fini tal-kap tal-ispejjez, l-attur messu talab ir-rikonvenzjoni f'din il-kawza, u mhux jiftah kawza gdida.

2. Mhux minnu li l-attur ma jistax ihallas zieda fl-alimenti. Infatti huwa ghandu assets kbar kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi in vista tas-sentenza moghtija llum stess minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet inversi Citazzjoni numru 396/82 li permezz taghha t-talba tal-attrici, konvenuta f'din il-kawza, ghal awment fir-retta alimentarja, gie milqugha, it-talba tal-attur ma tistax tigi milqugha.

> Ghar-ragunijiet moghtija il-Qorti tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-kawza giet trattata kontestwalment, anke quddiem din il-Qorti, mal-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi Citaz numru 396/82AJM. Dik it-tieni kawza giet deciza llum stess minn din il-Qorti. B'dik is-sentenza gie michud appell ta' l-attur kontra decizjoni tal-Qorti Civili Prim'Awla li ddegretat awment fir-retta alimentari u kkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tas-26 ta' April, 1993. L-istess allura jehtigilha taghmel din il-Qorti fil-kawza taht ezami ghall-istess ragunijiet imsemmija fil-kawza l-ohra.

L-aggravju ta' l-attur appellant f'din il-kawza kien qed jitqies li hu insostenibbli u kellu jigi respint. Il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fil-kawza l-ohra kienu japplikaw mutatis mutandis ghal din il-kawza u l-ebda konsiderazzjoni ulterjuri ma kienet mehtiega.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

Dep/Reg

cb